MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 37/2001/1

Connie Vella .

VS

Alfred u Michelina Axiaq .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti odjerni Alfred u Michelina Axiaq ipprezentaw Avviz quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Alfred u Michelina Axiaq – vs - Connie Vella", avviz numru 53/00 fejn talbu illi Connie Vella ghandha tigi kkundannata illi :

*"tizgombra mill-fond Flat 5, Alfina Flats, Triq Manwel Magro, Marsalforn, stante li inti bqajt inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghek senjatament il-hlas puntwali*

*tal-kera u dana wara li gejt repetutament interpellata ghal dan il-ghan .*

*Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju huwa ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltija (LM365) fis-sena" .*

Illi din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet attrici kif dedotti, u b'sentenza moghtija minnha fit-tnejn (2) ta' marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) ikkundannat lill-konvenuta Connie Vella sabiex tizgombra mill-fond Flat 5, Alfina Flats, Triq Manwel Magro, Marsalforn, fi zmien xahar u dana peress illi l-istess konvenuta baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha kontrattwali illi thallas puntwalment il-kera dovuta fuq il-fond mikri lilha.

Illi kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-sentenza ttiehdet mill-atturi bil-qerq ta' l-atturi originali bi hsara ta' l-attrici odjerna u ghaldaqstant hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza ghar-ragunijiet migjuba fl-artikolu 811 tal-Kap 12, paragrafu (a) ;

Illi oltre dan is-sentenza giet moghtija minn Qorti inkompetenti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif imsemmi fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 741, basta li qabel ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza u ghaldaqstant hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza ghar-ragunijiet migjuba fl-artikolu 811 tal-Kap 12, paragrafu (d) stante illi l-kawza ghall-izgumbrament messha saret quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ghal Ghawdex u Kemmuna ;

Illi ghaldaqstant l-attrici qeghda titlob illi tithassar is-sentenza msemmija moghtija fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) u illi konsegwentement tigi ritrattata mill-gdid il-kawza intentata mill-konvenuti odjerni .

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ;

1. Fl-ewwel lok thassar interament is-sentenza taghha tat-tnejn (2) ta' marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-Avviz fl-ismijiet "Alfred u Michelina Axiaq -vs- Connie Vella", Avviz Numru 53/00 ghar-ragunijiet dedotti fl-artikolu 811 paragrafi (a) u (d) tal-Kap 12 .

2. Sussegwentement tirritratta t-talbiet tal-konvenuti odjerni kif dedotti fl-Avviz fuq citat .

Bl-ispejjez .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma msejha .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici, kkonfermata bil-gurament taghha.

Rat ir-rikors ta' l-istess attrici, tat-tletin (30) ta' April, sena elfejn u wiehed (2001), fejn talbet li tigi awtorizzata tipprocedi ghal din il-kawza permezz ta' l-ghajnuna legali .

Rat id-degriet tal-Qorti tat-tletin (30) ta' April, tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn laqghet it-talba ta' l-attrici, u awtorizzatha sabiex tipprocedi ghal din il-kawza permezz ta' l-ghajnuna legali .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew :

1. Illi preliminarjament illi kull dritt li setgha kellha l-attrici ddeka bid-dekors tat-tlett xhur ai termini ta' l-artikolu 818 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili ;
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huma jichdu bhala infondati fid-dritt u fil-fatt it-talbiet peress li ma kien hemm ebda qerq da parti taghhom a dannu tal-konvenuta jew li b'xi mod inducew lill-Qorti sabiex tasal ghal decizjoni skorretta ;

3. Illi l-inqas huwa minnu li s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni inghatat minn Qorti

inkompetenti fit-termini ta’ l-artikolu 741 (a) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti, ikkonfermata bil-gurament ta’ Alfred Axiaq .

Rat ukoll l-atti kollha tal-kawza nkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tas-seduti mizmuma .

Rat ukoll il-verbal taghha tal-25 ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), li permezz taghha din il-kawza giet differita ghal-lum ghac-cessjoni .

Innutat illi l-istess attrici msejha tlett darbiet naqset li tattendi ghas-smiegh ta’ din il-kawza .

Il-Qorti ghal hekk ipprocediet biex taghti din is-sentenza, u peress illi ma jirrizultax illi t-talbiet attrici huma gustifikati, peress illi l-istess attrici ma ressqet l-ebda provi illi jintitolawha titlob ir-ritrattazzjoni ta’ din il-kawza skond il-ligi, tiddecidi billi tichad l-istess talbiet attrici.

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghal kawza permezz ta’ l-ghajnuna legali, jibqghu bla taxxa .
S3701Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------